MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 473/2008

**GO p.l.c. (C 22334)**

**Vs**

**Edric Bonello**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' disa' mija u tnejn u sittin Euro u sebgha u tletin centezmu (€962.37), erba' mija u tlettax-il Euro u hmistax-il centezmi (Lm413.15c), in konnessjoni mas-servizzi telefonici li jgibu n-numri 21375171 u 21572946 (AC 40071878 u 10206610) skond diversi kontijiet mibghuta lilu, u skond id-dokumenti annessi mat-Talba :

IZY 1 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 40071878 (telefon 21375171)

IZY 2 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 10206610 (telefon 21572946)
IZY 3 applikazzjoni ghas-servizz telefoniku 21375171
IZY 4 ftehim dwar is-servizz telefoniku 21572946

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imgahxijiet legali, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' disa' mija u tnejn u sittin Euro u sebgha u tletin centezmu (€962.37), erba' mija u tlettax-il liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm413.15), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------